MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Numru. 679/2000

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT NEIL HARRISON**

**KONTRA**

**PETER CASSAR ta' 62 sena, iben il-mejjet John u Antonia nee' Zammit, imwieled iz-Zejtun nhar it-22 ta' April, 1946, residenti fil-fond numru 47, Triq Santa Marija, Zejtun, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 379546M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **PETER CASSAR**, li fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana gie akkuzat talli:

a. Nhar id-29.11.1998 u/jew f'xi data qabel, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu a. arma tan-nar tal-marka Perfecta mudell FBI 8000, kalibru 8mm, minghajr serial number, b. munizzjon, u c. stainless steel pistol frame c/w magazine, li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, ta' valur a Lm13.00.00 u dazju ta' Lm1.05.3, b. Lm23.14.0 u dazju ta' Lm1.87.4, u c. xejn rispettivament, liema oggetti msemmija huma soggetti wkoll ghat-Taxxa tas-SISA fuq l-importazzjoni (ETI), liema ETI/Dazju ma' gewx imhallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur tal-Artikolu 60(a), (b), (c), (k) u 62(a), (b), (c), (f), (g), (h), (i), (k), paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll bi ksur tal-Att XII tas-sena 1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u SISA tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli fuq talba tad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-SISA, akkuzat talli nhar id-29.11.1998, u/jew f'xi data qabel, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar Perfecta mudell FBI 8000 kalibru 8mm, minghajr serial number u munizzjon, li l-importazzjoni taghhom hija projbijta u/jew ristretta, ta' valur ta' Lm13.00.0, u Lm23.14 rispettivament, valur totali ta' Lm36.14 u li fuqhom kellha tithallas taxxa tas-SISA fuq importazzjoni, liema taxxa tammonta ghal Lm5.42, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur tal-Artikolu 69, ta' l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-SISa (Att numru XII tas-sena 1997);

c. U aktar talli fl-istess zmien kellu fil-pussess tieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u zamm ghandu fil-fond numru 47, Triq Santa Marija, Zejtun, armi tan-nar u munizzjon, cioe' a. arma tan-nar tal-marka Perfecta mudell FBI 8000, kalibru 8mm, minghajr serial number, b. munizzjon, u c. stainless steel pistol frame c/w magazine, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli fl-istess zmien gie fil-pussess ta' armi tan-nar u cioe' a. arma tan-nar tal-marka Perfecta mudell FBI 8000, kalibru 8mm, minghajr serial number, b. munizzjon, u c. stainless steel pistol frame c/w magazine,

xorta ohra milli b’licenzja u minnufih ma tax avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e. U aktar talli fl-istess data, u cioe’ nhar id-29.11.1998, u fil-jiem ta’ qabel, gewwa z-Zejtun, ghamel jew xjentement zamm jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu, xi sustanza esplossiva, taht dawk ic-cirkostanzi li jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb li hu ghamel, zamm jew kienu ghandu ghall-hsieb mhux lecitu;

f. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, zamm ghall-bejgh jew hazen esplossiv minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

g. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, hin, u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’post li kien taht idejh jew garr minn post ghal iehor, akkont tieghu jew ta’ haddiehor, porvli ta’ l-isparar jew esplossivi.;

h. U fl-ahharnett akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, zamm fil-kustodja tieghu mutur tal-ghamla Honda 750 cc bin-numru tar-registrazzjoni Q-2532, b’numru tar-registrazzjoni li ma jappertenix lilu, u cioe’ numru P-7493.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 7);

Rat li l-imputat wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li ma kellu ebda oggezzjoni ghal procueduri sommarji (folio 5);

Rat ukoll il-letter to prosecute mahruga mid-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-SISA (folio 45, DOK MB3; folio 13 DOK MD);

Rat l-atti kollha tal-kawza, b’mod partikolari l-istqarrija ta’ l-imputat innifsu kif ukoll ir-relazzjonijiet prezentati fl-atti tal-inkjesta;

Rat ukoll ix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Licenzji , li minn dak li xehed allura jirrizulta li r-registration plates misjuba fuq mutur Honda, registrat dan fuq l-akkuzat, ma jappartjenux lil dan il-mutur, imma iehor tal-marka Yamaha, dawn l-ahhar platres skreppjati (registration plate esebita fl-atti bhala DOK MB2 a folio 44).

Rat ukoll ix-xhud viva voce li ghazel li jaghti minn jeddu l-istess akkuzat.

Ikkunsidrat:

Illi frankament mir-rapporti tal-esperti mahtura fl-inkjesta, mill-istqarrija ta' l-akkuzat innifsu, ix-xhieda tieghu, kif ukoll dik tar-Rapprezentant tal-Licenzji, tqis li l-akkuzi kif dedotti huma kollha pruvati, nkluza x-xhieda tar-Rapprezentant tad-Dwana dwar Dazju u SISA dovuti, dan wara li rat l-Artikolu 61 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Att XII tas-sena 1997, l-Artikoli 6, 9, 28, u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 3 u 9 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

U qieghda tikkundannah, anke wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal multa ta' €500(hames mitt Ewro). Qieset ukoll li dawn l-armi u munizzjon misjuba ma kinux manifatturati ghall-bejgh. Tordna l-konfiska t'a dak kollu ezebit b'dan illi kull esplossiv jew oggett hekk relatat ghandu jgahddi ghand l-Armata ta' Malta, biex tiddisponi minnhom hi skond kif thoss opportun;
Tikkundanna wkoll lill-imputat ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali fl-ammont ta' sitt mija u tlieta u sittin Ewro, u sitta u hamsin Ewro centezmi(€663.56), b'dan illi kemm il-multa kif ukoll l-ispejjez peritali ghandhom jithallsu kull wahda f'rati rateali ta' tlitt(3) xhur li ghandhom jibdew jiddekorru minn meta jghaddi t-terminu ta' l-appell;
Tordna wkoll li l-plates ezebiti jghaddu ghand l-ADT.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------